


# FL-EWWEL 6 XHUR TA' ĦIDMA TAGĦHA FIL-PARLAMENT EWROPEW

Miriam Dalli intgħażlet biex tirrappreżenta lis-Soċjalisti u d-Demokratiċi **f´4 rapporti**, bis-suġġetti jkunu:

1. It-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-vetturi,
2. Blue Economy,
3. Strateġija Ewropea dwar is-sigurtà tal-Enerġija u
4. Miżuri kontra l-burokrazija permezz ta´ sistemi diġitali;

Ipparteċipat attivament fil-ħatra tal-Kummissjoni l-ġdida u kienet magħżula biex tagħmel mistoqsijiet lill-**4 Kummissarji *designate***;

**Attendiet għal kull sessjoni plenarja, 7 b´kollox** u ipparteċipat f´kull vot;

Staqsiet mal-**20 mistoqsija parlamentari** lill-Kummissjoni Ewropea fosthom mistoqsijiet dwar: Is-sitwazzjoni fis-Sirja, is-Sigurtà *online*, l-Immigrazzjoni irregolari, Tibdil fil-klima, l-Identita´ tal-ġeneru, *e-Commerce* u l-impjiegi fil-qasam tal-ICT;

Kellha aktar minn **20 laqgħa ma´ għaqdiet internazzjonali** u uffiċjali għolja tal-Kummissjoni Ewropea fi Brussell;

**Indirizzat 3 konferenzi internazzjonali** dwar l-immigrazzjoni, l-enerġija u ċ-*Child safety online;*

Kellha **20 laqgħa ma unions**, korpi kostitwiti, NGOs, u għaqdiet studenteski f´Malta kif ukoll **2 żjarat fi skejjel**;

Għamlet **5 laqgħat ma' ambaxxaturi** ta' pajjiżi barranin għal Malta;

Kellha **8 laqgħat bilaterali** ma' Ministri u Segretarji Parlamentari.

Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament

ĦIDMA2014



## IMMIGRAZZJONI

Miriam hija attiva ħafna fuq dan is-suġġett u nħatret biex tindirizza konferenza internazzjonali fi Brussell dwar l-immigrazzjoni. Sa mill-ewwel ġranet tagħha fil-Parlament Ewropew, il-messaġġ ta´ Miriam kien li l-inattivita' tal-UE dwar l-immigrazzjoni qed twassal għal iktar imwiet u pressjonijiet akbar fuq iċ-ċittadini Ewropej. Fil-Parlament Ewropew Dalli qalet li ċ-ċittadini tagħna qed iħossu li qed jitħallew waħedhom, li xebgħu jisimgħu kliem sabiħ u li issa jridu s-soluzzjonijiet. Dan wasslitu wkoll permezz ta´ laqgħa diretta mal-Kummissarju Malmstrom, li kienet responsabbli minn dan il-qasam.

## LIBJA - ISIS

F'diskorsi fis-seduti plenarji ta´ Strasburgu u f´laqgħat oħra, Miriam saħqet li l-instabilita´ fil-Libja, qed tgħin lit-traffikanti tan-nies, li l-Libja hija problema tal-Ewropa kollha u l-Unjoni Ewropea trid tieħu rwol ċentrali biex is-sitwazzjoni tissolva - speċjalment fl-isfond tal-aħbar dwar il-preżenza tal-ISIS.

MIRIAMDALLI
Membru Parlamentari Ewropew

## SIGURTÀ *ONLINE*

Is-sigurtà *online* huwa suġġett li Miriam ilha taħdem fuqu. Dan ġibed l-interess ta´ *stakeholders* ewlenin li jaħdmu f´dan il-qasam tant li ġiet mistiedna biex tindirizza konferenza internazzjonali tal-*ICT Coalition*. L-*ICT Coalition* tiġbor flimkien kumpaniji (bħal Facebook, Google, Twitter u oħrajn) u NGOs bil-għan li jkollna internet iktar sigur għat-tfal tagħna. Din il-konferenza kienet biss il-bidu u Miriam ser tkompli taħdem għal-azzjoni f´dan il-qasam.

## TIBDIL FIL-KLIMA

Miriam hija nvoluta b´mod attiv f´ħidma b´rabta mat-tibdil fil-klima, tant li kienet magħżula bħala kelliema dwar dan is-suġġett f´konferenza organizzata minn *Euronews* u *European Voice*. Fiż-żmien ta´ preparazzjoni għas-summit kruċjali f´Pariġi s-sena id-dieħla, Miriam appellat biex l-UE tkun fost ta´quddiem nett biex ikun milħuq ftehim għat-tnaqqis fl-emissjonijiet u biex tiġi ġġenerata iktar enerġija nadifa.

## ENERĠIJA

Miriam hi waħda mill-aktar MEPs attivi fil-qasam tal-enerġija, tant li ntgħazlet mis-Soċjalsti u Demokratiċi biex taħdem fuq rapport dwar Strateġija Ewropea dwar is-sigurtà tal-Enerġija. Miriam Dalli appellat biex tispiċċa l-qagħda ta' Stati Membri li huma maqtugħa mill-grid Ewropew tal-enerġija. Dan billi proġetti li huma ddisinjati biex itemmu dan l-iżolament, jingħataw prijorita' u billi tkun assigurata provvista tal-enerġija.




> Fil-ħidma tiegħi qed nara li nagħti dejjem prijorita' lill-interessi tal-familji Maltin u Għawdxin u ta' pajjiżna. Dan hu l-impenn li ħadt qabel ma ġejt eletta u f'kull ma nagħmel qed nara li nwettaq dan l-impenn. Il-lealta' tiegħi kienet, għadha u tibqa' lejn iċ-ċittadini li nirrapreżenta u lejn pajjiżi.
>
> **MIRIAM DALLI**

## MIRIAM DALLI IS A MEMBER OF:

- Committee on the Environment, Public Health and Food Safety;
- Delegation for relations with the Maghreb countries and the Arab Maghreb Union;
- Committee on Industry, Research and Energy;
- Committee for Civil Liberties, Justice and Home Affairs;
- Committee on Petitions;
- Delegation to the EU-Armenia, EU-Azerbaijan and EU-Georgia Parliamentary Cooperation Committees.

## MIRIAM IS WORKING ON THE FOLLOWING REPORTS:

- Reduction of pollutant emissions from Road Vehicles,
- EU Energy Security Strategy,
- Blue Economy,
- Interoperability solutions for European public administrations, businesses and citizens

She was the keynote speaker at 3 high level international conferences focusing on illegal immigration, child safety online and climate change.

For an english version of this leaflet kindly log on: **www.miriamdalli.com**

**You can send your feedback on:**

T 00356 2146 3241
M 00356 9963 6366
E miriam@miriamdalli.com
www.facebook.com/drmiriamdalli
www.twitter.com/miriamdalli

Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament